# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**(Aġent President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 28 ta' Frar, 2023.**

**Numru 1**

**Rikors numru 77/10/3 JVC**

**James Buttigieg u John Paul Azzopardi fil-kapaċità tagħhom ta' President u Segretarju rispettivament tal-Għaqda Filarmonika Mnarja; u b'nota tal-10 ta' Diċembru 2010 John Xuereb assuma l-atti tal-kawża minflok John Paul Azzopardi peress illi ssuċċieda bħala Segretarju tal-Għaqda attriċi**

**v.**

**Dottor Michael Caruana u Joseph Apap fil-kapaċità tagħhom ta' President u Segretarju rispettivament tas-Soċjetà Filarmonika Leone**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar talba ta' ritrattazzjoni tal-21 ta' Frar, 2022 magħmula mis-Soċjetà Filarmonika Leone taħt l-**Artikolu 811 tal-Kap.**

**12 tal-Liġijiet ta' Malta** sabiex jinstemgħu mill-ġdid l-appelli li ġew maqtugħa minn din il-Qorti b'żewġ sentenzi mogħtija fid-29 ta' Mejju, 2015 u fl-1 ta' Diċembru, 2021, wara li jiġu mħassra dawn l-istess sentenzi.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tat-30 ta' Settembru, 2010, l-Għaqda Filarmonika Mnarja talbet lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali) sabiex tiddikjara li bis-saħħa ta' kitba privata tad-29 ta' Jannar, 1992, hija xtrat mingħand is-Surmast Joseph Sammut, it-titlu għall-marċ brijuż bl-isem, *«Bonnici Brothers sive 10$^{th}$ Anniversary sive Letter A»*, u li għalhekk is-Soċjetà Filarmonika Leone ma tgawdi minn ebda dritt fuq l-istess marċ.

3. Is-Soċjetà Filarmonika Leone wieġbet fost ħwejjeġ oħra: (i) li dan il-marċ ilu fil-pussess tagħha għal aktar minn tletin sena; (ii) li s-Surmast Joseph Sammut kien taha dan il-marċ bħala għotja fl-1968; u (iii) li din l-għotja ġiet ikkristallizzata permezz ta' att pubbliku tal-5 ta' Ġunju, 2010, li ġie ffirmat mal-istess Surmast Joseph Sammut.

4. B'sentenza mogħtija fit-30 ta' Settembru, 2011, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali), wara

li ċaħdet xi eċċezzjonijiet ta' għamla preliminari tas-Soċjetà Filarmonika Leone, issoktat biex ċaħdet it-talbiet tal-Għaqda Filarmonika Mnarja għaliex qieset li bil-kitba privata tad-29 ta' Jannar, 1992, hija kienet kisbet biss il-jedd li ddoqq l-istess marċ u mhux id-drittijiet tal-awtur fuq l-istess marċ.

5. L-Għaqda Filarmonika Mnarja appellat minn din is-sentenza għax baqgħet issostni li l-kliem tal-ftehim tad-29 ta' Jannar, 1992 kien wieħed ċar, fis-sens li hija kisbet il-jeddijiet fuq il-marċ.

6. B'sentenza mogħtija fid-29 ta' Mejju, 2015, din il-Qorti b'Imħallfin differenti, laqgħet l-appell tal-Għaqda Filarmonika Mnarja għaliex sabet li l-kitba privata tad-29 ta' Jannar, 1992 tabilħaqq kienet tagħmilha ċara li hija kisbet il-jeddijiet kollha fuq il-kompożizzjoni mużikali, bir-riżervi biss, li l-marċ ma setax jindaqq fil-Festa ta' San Ġorġ, fir-Rabat Għawdex u li s-Surmast Sammut iżomm għalih id-drittijiet tiegħu fuq il-marċ barra mit-territorju ta' Għawdex. Fil-qosor, din il-Qorti qalet li l-kelma «*bejgħ*», li ġiet użata fil-kitba privata tal-1992, turi li s-Surmast Sammut għadda favur l-Għaqda Filarmonika Mnarja l-jeddijiet kollha li huwa kellu fuq il-kompożizzjoni mużikali sa fejn jolqot it-territorju ta' Għawdex, bl-esklużjoni li dan ma jintużax waqt il-Festa ta' San Ġorġ, fir-Rabat Għawdex.

7. B'żieda ma' dan, din il-Qorti ma qablitx mas-Soċjetà Filarmonika Leone, li s-Surmast Joseph Sammut kien taha l-marċ fl-1968, għaliex din l-għotja ma kinitx saret bil-miktub, kif kien jitlob dak iż-żmien l-**Artikolu 12 tal-Att tal-1967 dwar Drittijiet tal-Awtur (Kap. 196 tal-Liġijiet ta' Malta)**. Għalhekk din il-Qorti sabet li l-għotja tal-1968 kienet bla effett quddiem terzi. U la din l-għotja kienet bla effett, l-att pubbliku tal-5 ta' Ġunju, 2010 li sar bejn is-Soċjetà Filarmonika Leone u s-Surmast Joseph Sammut, li suppost ikkristallizza dak li seħħ fl-1968, ma setax jegħleb il-kitba privata tal-1992 li saret bejn is-Surmast Joseph Sammut u l-Għaqda Filarmonika Mnarja. Dan għaliex meta sar l-att pubbliku tal-2010 mas-Soċjetà Filarmonika Leone, is-Surmast Joseph Sammut kien ġa għadda l-jeddijiet tiegħu lill-Għaqda Filarmonika Mnarja sa fejn jolqot it-territorju Għawdxi.

8. Din il-Qorti għalhekk bis-sentenza tad-29 ta' Mejju, 2015 ħassret is-sentenza appellata fejn qalet li l-Għaqda Filarmonika Mnarja ma xtratx il-jeddijiet intelletwali tal-marċ u bagħtet l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali) sabiex din tiddeċiedi l-kwistjoni tal-preskrizzjoni akkwiżittiva tat-tletin sena mqanqla mis-Soċjetà Filarmonika Leone fir-risposta maħlufa tagħha, li kienet baqgħet mhux deċiża.

9. Wara din is-sentenza, fit-28 ta' Awwissu, 2015, is-Soċjetà

Filarmonika Leone ressqet talba għar-ritrattazzjoni. Din it-talba iżda ġiet miċħuda b'sentenza ta' din il-Qorti tat-8 ta' Marzu, 2016 minħabba li qalet li ma setgħetx titressaq talba ta' ritrattazzjoni meta kawża tkun għadha għaddejja.

10. Il-kawża tkompliet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali) sabiex din tiddeċiedi jekk is-Soċjetà Filarmonika Leone kinitx kisbet il-jedd li ddoqq dan il-marċ bil-preskrizzjoni tat-tletin sena, qabel ma kien sar il-kuntratt ta' bejgħ fl-1992 bejn is-Surmast Joseph Sammut u l-Għaqda Filarmonika Mnarja.

11. B'sentenza tat-12 ta' Lulju, 2016 il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali) iddeċidiet li s-Soċjetà Filarmonika Leone kienet tassew kisbet dan il-jedd li ddoqq dan il-marċ bis-saħħa tal-preskrizjoni akkwiżittiva u għalhekk iddikjarat li l-Għaqda Filarmonika Mnarja ma setgħetx twaqqaf lis-Soċjetà Filarmonika Leone milli ddoqq dan il-marċ.

12. L-Għaqda Filarmonika Mnarja appellat minn din l-aħħar sentenza u ilmentat fost affarijiet oħra li mhux minnu li s-Soċjetà Filarmonika Leone kienet kisbet il-jedd li ddoqq dan il-marċ bil-preskrizzjoni akkwiżittiva.

13. B'sentenza mogħtija fl-1 ta' Diċembru, 2021 din il-Qorti tat raġun

lill-Għaqda Filarmonika Mnarja illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni akkwiżittiva mressqa mis-Soċjetà Filarmonika Leone ma kienx imissha tintlaqa'. Fil-qosor ir-raġunijiet li wasslu lil din il-Qorti biex tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni akkwiżittiva kienu dawn: (i) li għalkemm dan il-marċ kien tassew popolari u sinonimu mas-Soċjetà Filarmonika Leone bejn is-sena 1968 u l-bidu tad-disgħinijiet, dan ma baqax hekk, wara li l-Maestro Joseph Sammut ma baqax aktar Surmast ta' din l-għaqda, għaliex il-provi wrew li dan il-marċ ma baqax jindaqq aktar; (ii) li meta l-marċ kien jindaqq waqt il-festa ta' Santa Marija, dan kien dejjem isir bil-kunsens u l-pjaċir tas-Surmast Sammut; (iii) li la l-marċ kien qed jindaqq bil-barka tas-Surmast Sammut, is-Soċjetà Filarmonika Leone ma setgħetx skont l-**Artikolu 2121 tal-Kodiċi Ċivili** ddawwar dan l-użu bħala wieħed li kien qed isir *animo domini*; u (iv) li f'kull każ ma kinux laħqu għaddew tletin sena mill-1968 sal-1992 meta s-Surmast Joseph Sammut kien biegħ il-marċ lill-Għaqda Filarmonika Mnarja.

14. Fil-21 ta' Frar, 2022, is-Soċjetà Filarmonika Leone ressqet dan ir-rikors ta' ritrattazzjoni, li qed jiġi deċiż hawnhekk illum, fejn qalet li hemm raġunijiet tajba biżżejjed biex kemm is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fid-29 ta' Mejju, 2015 u kif ukoll is-sentenza deċiża minn din il-Qorti fl-1 ta' Diċembru, 2021 jiġu mħassra u l-kawża tiġi ritrattata skont l-**Artikolu 811 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.

15. Is-Soċjetà Filarmonika Leone talbet ir-ritrattazzjoni tas-sentenza tad-29 ta' Mejju, 2015 fuq l-**Artikolu 811(e)** u **(i) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** u r-ritrattazzjoni tas-sentenza tal-1 ta' Diċembru, 2021 fuq l-**Artikolu 811(e)** u **(l) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.

16. Fil-qosor, is-Soċjetà Filarmonika Leone qiegħda tgħid li l-ewwel sentenza għandha tiġi mħassra minħabba: (i) li applikat il-liġi ħażin meta qalet li bil-kitba privata tad-29 ta' Jannar, 1992 kienu qegħdin jiġu trasferiti l-jeddijiet tal-awtur, meta skont hi, b'dan il-ftehim kien qiegħed jiġi trasferit biss il-jedd li jindaqq il-marċ; (ii) li applikat il-liġi ħażin meta qalet li Malta u Għawdex setgħu jitqiesu bħala territorji differenti għall-għanijiet tal-liġi dwar il-jeddijiet tal-awtur; (iii) li applikat il-liġi ħażin meta ma interpretatx kif kellu jkun il-kontenut tal-kitba privata tad-29 ta' Jannar, 1992; u (iv) li hemm kontradizzjoni fis-sentenza meta din il-Qorti ħassret is-sentenza tal-Ewwel Qorti kollha kemm hi u fl-istess waqt bagħtet l-atti lura lill-Ewwel Qorti biex tiddeċiedi biss l-eċċezzjoni dwar il-preskrizzjoni tat-tletin sena.

17. Mill-banda l-oħra, is-Soċjetà Filarmonika Leone qiegħda tgħid li t-tieni sentenza ta' din il-Qorti għandha tiġi mħassra minħabba li żbaljat kemm il-fatti u kif ukoll il-liġi meta ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tat-tletin sena.

18. Għalhekk is-Soċjetà Filarmonika Leone talbet lil din il-Qorti sabiex:

*«i. Tirrexxindi u tħassar is-sentenza fuq imsemmija fl-ismijiet premessi tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju, 2015 u dan minħabba li hija vizzjata kif ingħad hawn fuq u dan għat-tenur tal-artikolu 811(e) u (i) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*ii. Tirrexxindi u tħassar is-sentenza fuq imsemmija fl-ismijiet premessi tal-ewwel (1) ta' Diċembru, 2021, u dan minħabba li hija vizzjata kif ingħad hawn fuq u dan għat-tenur tal-artikolu 811(e) u (l) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*iii. Tordna konsegwentement ir-ritrattazzjoni tal-istess kawża skont il-liġi.*

*Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tar-ritrattati għas-subizzjoni.»*

19. L-Għaqda Filarmonika Mnarja wieġbet fil-15 ta' Diċembru, 2022 u hemmhekk tat ir-raġunijiet tagħha għaliex it-talba ta' ritrattazzjoni mressqa mis-Soċjetà Filarmonika Leone jmissha tiġi miċħuda.

20. Inżamm smigħ fil-31 ta' Jannar, 2023 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

21. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tinsab f'qagħda li tgħaddi għal din is-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet:**

22. L-azzjoni li għandha quddiemha l-Qorti hija waħda ta' ritrattazzjoni. Naturalment hija u tqis din l-azzjoni, din il-Qorti trid iżżomm f'moħħha li proċedura bħal din hija waħda ta' sura eċċezzjonali li ma tistax tintuża

bħala grad ieħor ta' appell (ara *inter alia* s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell, ***J.V. & S. Development Limited v. Id-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali*** mogħtija fit-28 ta' Jannar, 2021 u ***Emanuel Falzon et v. Alfred Fenech et*** deċiża fil-21 ta' Mejju, 2019).

23. Il-proċess tas-smigħ u t-trattazzjoni mill-ġdid ta' kawża deċiża fih żewġ fażijiet: l-ewwel it-tiftix tar-raġuni li tista' twassal għat-tħassir tas-sentenza mogħtija (*in rescindendo*); imbagħad, jekk din ir-raġuni tinstab, is-smigħ mill-ġdid tal-kawża fl-istadju li tkun waslet fih meta ngħatat is-sentenza li tkun twaqqgħet (*in rescissorio*) (ara ***Paul Pisani et v. Emmanuel Custò***, Appell Superjuri tat-2 ta' Marzu, 2007). Dawn iż-żewġ fażijiet ma jistgħux jiġu deċiżi f'daqqa b'sentenza waħda, iżda għandhom jiġu deċiżi b'mod mifrud għaliex inkella jistgħu jqumu kwistjonijiet ta' ksur ta' smigħ xieraq (ara ***St. George's Park Company Limited v. Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Marzu, 2014).

24. Din il-Qorti għalhekk f'din is-sentenza sejra tidħol biss fl-ewwel fażi ta' din il-proċedura, *viz*. jekk hemmx raġunijiet fejjieda biex jitħassru ż-żewġ sentenzi li ngħataw minn din il-Qorti fid-29 ta' Mejju, 2015 u l-1 ta' Diċembru, 2021.

25. Bħalma tajjeb ingħad minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha ***Mariano Vella v. Soċjetà Gourmet Company Limited*** mogħtija fit-28 ta' Marzu,

2006, sakemm din il-Qorti tkun għadha qiegħda tqis jekk jeżistux raġunijiet tajbin biżżejjed biex tħassar is-sentenza li tagħha qed jintalab is-smigħ mill-ġdid, hija ma tista' bl-ebda mod tindaħal f'apprezzament favorevoli jew kuntrarju tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-Qorti li tkun tat dik is-sentenza. Xogħol din il-Qorti i*n rescindente* mhuwiex dak li tgħarbel mill-ġdid jekk hija taqbilx jew le mal-mod kif il-Qorti kienet waslet għall-fehmiet tagħha fis-sentenza impunjata: xogħol din il-Qorti hu li tqis jekk tirriżultax imqar waħda miċ-ċirkustanzi proċedurali maħsubin fil-liġi li bihom dik is-sentenza tista' titwaqqa'.

26. Dan kollu jinġabar taħt ir-regola li huwa mixtieq u meħtieġ li jkun hemm iċ-ċertezza tad-dritt u fejn kawża tkun inqatgħet b'sentenza li tkun għaddiet f'ġudikat din m'għandhiex titwaqqa' kif ġieb u laħaq, imma biss għal raġunijiet serji u gravi. Dan kollu mbagħad jissejjes fuq il-massima li *res judicata pro veritate habetur* (ara ***Charles Grech et v. Cecil Herbert Jones***, Appell Superjuri tal-14 ta' Diċembru, 2018).

27. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet legali tal-bidu, din il-Qorti ħa tibda billi biex tqis jekk hemmx raġunijiet tajba biex ikun hemm it-tħassir tal-**ewwel sentenza tagħha tad-29 ta' Mejju, 2015**.

28. L-ewwel raġuni ta' ritrattazzjoni mressqa mis-Soċjetà Filarmonika Leone għaliex għandha titħassar din is-sentenza tinsab imsejsa fuq l-

**Artikolu 811(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.

29. Talba ta' ritrattazzjoni fuq dan l-artikolu timplika użu ta' provvediment tal-liġi flok ieħor (ara ***Alexander Gray Bannerman et v. John Camilleri et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2019). Għalhekk, biex tingħata r-ritrattazzjoni, irid jintwera li l-Qorti applikat il-liġi l-ħażina fis-sentenza attakkata. Huwa minħabba f'hekk ukoll li l-liġi fl-**Artikolu 816 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** trid li min jitlob is-smigħ mill-ġdid ta' kawża jrid isemmi wkoll liema messha kienet il-liġi t-tajba li suppost ġiet applikata (ara ***Joseph Spiteri et v. Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Marzu, 2019).

30. Is-sentenza għandha titħassar mhux meta tinterpreta u tapplika l-liġi ħażin iżda meta tapplika liġi flok oħra li tgħodd għall-każ, *i.e.* mhux għax tkun applikat ħażin il-liġi applikabbli iżda għax tkun applikat il-liġi l-ħażina. Fi kliem ieħor, ma jkun hemm l-ebda applikazzjoni tal-liġi ħażina meta l-Qorti tkun applikat b'mod ħażin il-liġi t-tajba li kienet tgħodd għall-każ (ara ***Francesco Saverio Borg v. Joseph Mallia et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2001 u ***Josephine Camilleri et v. Joseph Camilleri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Marzu, 2021).

31. Minbarra dan, huwa wkoll importanti li wieħed iżomm quddiem

għajnejh li biex jista' jiġi deċiż jekk kienx hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, il-fatti tal-kawża ma jistgħux jiġu eżaminati mill-ġdid. Lanqas jistgħu jiġu valutati jew interpretati b'mod ieħor, għajr kif ġew valutati u interpretati fis-sentenza attakkata (ara ***Paul Piscopo et v. Kontrollur tad-Dwana*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Frar, 2022).

32. Fil-każ tagħna, is-Soċjetà Filarmonika Leone tibda billi tgħid li din il-Qorti żbaljat il-liġi meta qalet li bil-kitba privata tad-29 ta' Jannar, 1992, is-Surmast Sammut kien ittrasferixxa favur l-Għaqda Filarmonika Mnarja l-jeddijiet tal-awtur tiegħu għaliex tisħaq li b'dik il-kitba kienet qiegħda tiġi trasferita biss liċenza kif imfissra fl-**Artikolu 2 tal-Kap. 415 tal-Liġijiet ta' Malta**.

33. Is-Soċjetà Filarmonika Leone iżda ma tistax tmur wisq 'il bogħod b'dan l-argument. Biex jiġi deċiż jekk kienx hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi l-fatti tal-kawża ma jistgħux jiġu eżaminati mill-ġdid u ferm u ferm anqas ma jistgħu dawn il-fatti jiġu valutati jew interpretati mill-ġdid fil-kors tal-proċedura tar-ritrattazzjoni (ara ***Charles Michael Gauci v. Alfred Vella pro et noe***, Appell Superjuri tal-10 ta' Ottubru, 2003). Tassew, dak li s-Soċjetà Filarmonika Leone qiegħda tipprova tagħmel f'din l-azzjoni huwa biss li tipprova tħeġġeġ lil din il-Qorti biex tipprova terġa' tinterpreta dak li hemm miktub fil-kitba privata tad-29 ta' Jannar, 1992.

34. Il-kwistjoni kollha dwar jekk b'dik il-kitba privata kienx qiegħed jiġi trasferit biss il-jedd li jindaqq il-marċ jew inkella kinux qegħdin jiġu trasferiti l-jeddijiet tal-awtur, kienet il-qofol ta' dak li ġie deċiż minn din il-Qorti fis-sentenza attakkata. Kemm hu hekk, dan kien l-aggravju ewlieni li tressaq mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

35. Tajjeb jew ħażin, din il-Qorti qalet li ladarba f'dan il-ftehim intużat il-kelma «*bejgħ*», allura dan kellu jinftiehem li s-Surmast Joseph Sammut kien qiegħed ibiegħ il-jeddijiet tal-awtur tiegħu u mhux jgħaddi biss il-jedd li jindaqq il-marċ.

36. Is-Soċjetà Filarmonika Leone tista' ma taqbilx ma' kif din il-kitba privata ġiet imfissra fis-sentenza attakkata, imma b'daqshekk dan ma jagħtihiex il-jedd li titlob it-tħassir tas-sentenza taħt il-velu ta' tħaddim ħażin tal-liġi. Din il-Qorti hija għalkollox miżmuma milli tiftaħ il-mertu tat-tilwima fuq is-saħħa ta' interpretazzjoni xort'oħra. Kif ingħad fis-sentenza ***Joseph Micallef v. George Pavia***, Appell Superjuri tat-8 ta' Novembru, 1993 (Kollez. Vol: LXXVII.ii.326), «*biex jiġi deċiż jekk kienx hemm interpretazzjoni ħażina tal-liġi, wieħed ma jistax jeżamina mill-gdid il-fatti tal-kawża jew jerġa' jinterpretahom.*»

37. Effettivament, dak li s-Soċjetà Filarmonika Leone qiegħda tfittex tagħmel b'din il-proċedura huwa biss li tipprova tikkonvinċi lil din il-Qorti

tagħti interpretazzjoni differenti lill-ftehim tal-1992 minn dik li saret fis-sentenza attakkata u mhux li teżamina jekk sarx tħaddim ħażin tal-liġi.

38. Din ir-raġuni biex ikun hemm ritrattazzjoni tal-kawża għalhekk qiegħda tiġi miċħuda.

39. Is-Soċjetà Filarmonika Leone tgħid ukoll li fis-sentenza tad-29 ta' Mejju, 2015 seħħ tħaddim ħażin tal-liġi meta qieset lil Malta u lil Għawdex bħala territorji differenti għall-għanijiet tal-**Kap. 415 tal-Liġijiet ta' Malta**.

40. Din il-Qorti qalet f'paragrafu 11 tas-sentenza attakkata li għalkemm Malta u Għawdex huma meqjusa bħala territorju u pajjiż wieħed, dan ma jeskludix illi jingħataw drittijiet tal-awtur għall-parti mit-territorju u mhux għall-parti oħra.

41. Anke dan l-argument tas-Soċjetà Filarmonika Leone ma jistax iwassal għar-riżultat mixtieq minnha. Dan għaliex skont l-**Artikolu 811(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jista' jkun hemm ritrattazzjoni fuq bażi ta' tħaddim ħażin tal-liġi, *«basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' liġi li fuqha l-Qorti tkun espressament tat deċiżjoni.»*

42. Il-kwistjoni legali dwar jekk huwiex legalment possibbli li wieħed ibiegħ biss id-drittijiet tal-awtur tiegħu għat-territorju ta' Għawdex u jżomm

għalih id-drittijiet tal-awtur tiegħu għat-territorju ta' Malta ġiet espressament deċiża fid-deċiżjoni attakkata. Jiġi b'hekk, li s-Soċjetà Filarmonika Leone ma tistax tipprova tissolleċita lil din il-Qorti sabiex tinterpreta dan il-punt legali b'mod differenti minn kif ġie interpretat minn din il-Qorti fis-sentenza attakkata.

43. Fl-aħħar nett, is-Soċjetà Filarmonika Leone tgħid li seħħ tħaddim ħażin tal-liġi għaliex meta kienet qiegħda tqis il-kitba privata tal-1992, din il-Qorti naqset milli tapplika l-**Artikoli 1002 *et sequitur*** tal-**Kodiċi Ċivili**, li jitkellmu dwar ir-regoli li għandhom jitħaddmu fl-interpretazzjoni ta' kuntratti.

44. Jinsab mgħallem sa minn ġurisprudenza li tmur lura għal madwar mitt sena ilu illi, «*per vedere se via sia mala applicazione di legge deve prendersi per unica base il fatto come stabbilito dalla Corte nella sentenza impugnata.*» (ara ***Negoziante Giuseppe Vella Zarb v. Antonio Bartolo***, Appell Ċivili tat-3 ta' Frar 1930 (Kollez. Vol: XXVII.i.434)). Dan ifisser illi l-fatti kif stabbiliti fis-sentenza ritrattata ta' din il-Qorti għandhom jittieħdu bħala korretti, u la jistgħu għalhekk jiġu kkontestati u lanqas imqiegħda fid-dubju (ara ***Palmar Limited v. Victor Ciantar***, Appell Inferjuri tat-12 ta' Mejju, 2003).

45. Fil-każ tagħna, kemm il-Qorti tal-Maġistrati u kif ukoll din il-Qorti fis-

sentenza attakkata, taw il-fehma tagħhom dwar it-tifsir tal-kitba privata tal-1992, li saret bejn is-Surmast Joseph Sammut u l-Għaqda Filarmonika Mnarja, minħabba li dik kienet sewwasew il-qalba tat-tilwima li kien hemm bejn il-partijiet.

46. Kif ġie mfisser fis-sentenza ***Nutar Dottor Joanne Lia et v. John Spiteri*** deċiża minn din il-Qorti fit-28 ta' Ġunju, 2019, biex jitqies li f'sentenza saret applikazzjoni ħażina tal-liġi, jeħtieġ jintwera li, meta l-fatti huma tassew kif stabbiliti f'dik is-sentenza, id-deċiżjoni ma tkunx skont il-liġi. Ifisser għalhekk li s-Soċjetà Filarmonika Leone ma tistax tinqeda b'din il-proċedura biex tiftaħ mill-ġdid il-kwistjoni marbuta ma' dak li ġie trasferit bil-kitba privata tal-1992. Eżerċizzju bħal dan imur lil hinn mill-eżami li jrid isir taħt l-**Artikolu 811(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.

47. Għalhekk, din il-Qorti ma ssibx li għandha tħassar is-sentenza tad-29 ta' Mejju, 2015 fuq din il-kawżali ta' applikazzjoni ħażina tal-liġi;

48. Ngħaddu issa biex inqisu t-tieni raġuni ta' ritrattazzjoni mressqa mis-Soċjetà Filarmonika Leone kontra s-sentenza tad-29 ta' Mejju, 2015, li tinsab mibnija fuq l-**Artikolu 811(i) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Dan l-artikolu jipprovdi li hemm lok għar-ritrattazzjoni jekk fis-sentenza jkun hemm dispożizzjonijiet kontra xulxin.

49. Huwa maqbul u miżmum fil-ġurisprudenza li biex ikun hemm dispożizzjonijiet kontra xulxin, mhux biżżejjed li jkun hemm argumenti, motivazzjonijiet jew raġunijiet kontra xulxin (ara ***Michelle Shires et v. Giovanna Bonello et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Lulju, 2010). Il-kontradizzjoni trid tirriżulta fid-dispożittiv tas-sentenza u mhux fil-konsiderazzjonijiet, anke jekk dawn tal-aħħar jistgħu jkunu rilevanti biex jitfgħu dawl u jidentifikaw tali kontradizzjoni. Fi kliem ieħor, il-kontradizzjoni trid tkun tax-xorta li tippreġudika l-eżekuzzjoni tas-sentenza minħabba li din toħloq inċertezza dwar id-deċiżjoni finali tal-Qorti (ara ***Anthony Mario Vella et v. HSBC Bank Malta plc et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Lulju, 2017).

50. Huwa sewwasew għalhekk li huwa meqjus illi l-**Artikolu 811(i)** ma jistax jiġi invokat fejn is-sentenza jkun fiha dispożittiv wieħed (ara ***Joseph Agius et v. Golu Spiteri*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2019 u l-lista ta' sentenzi fiha msemmija);

51. Issa s-Soċjetà Filarmonika Leone qiegħda targumenta li hemm kontradizzjoni fis-sentenza attakkata għaliex din ma setgħetx tħassar is-sentenza appellata u tibgħat l-atti lura lill-Ewwel Qorti biex tiddeċiedi t-talbiet attriċi fid-dawl tat-tielet u l-ħames eċċezzjonijiet. Hi tfisser li l-Ewwel Qorti kienet fis-sentenza tagħha ċaħdet l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni u din il-Qorti ma semmiet xejn fis-sentenza tagħha dwar jekk

iċ-ċaħda ta' dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet kinux qegħdin jiġu kkonfermati jew le.  Għalhekk is-Soċjetà Filarmonika Leone tisħaq li din il-Qorti ma setgħetx tħassar is-sentenza kollha tal-Ewwel Qorti u fl-istess ħin tqis li din is-sentenza għadha torbot fejn kienu miċħuda l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet.

52. Fil-fehma ta' din il-Qorti din il-kawżali ma hija mistħoqqa xejn.

53. Din il-Qorti ma kellha għalfejn tgħid xejn fis-sentenza tagħha dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet li ġew miċħuda mill-Qorti tal-Maġistrati għaliex ħadd mill-partijiet ma appella dwar dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet. Fin-nuqqas ta' appell speċifiku, id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati marbuta ma' dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet baqgħet mhux mittiefsa.

54. Fuq kollox, kif indikat f'paragrafu 19 tas-sentenza attakkata l-Qorti tal-Appell kienet qiegħda tiddisponi biss mill-appell li ġie mressaq quddiemha.  Quddiem din il-Qorti kien hemm biss appell dwar iċ-ċaħda tat-talbiet tal-Għaqda Filarmonika Mnarja fid-dawl tal-ilqugħ tar-raba' eċċezzjoni tas-Soċjetà Filarmonika Leone.

55. Ifisser dan kollu, li meta din il-Qorti fis-sentenza attakkata kienet qiegħda tħassar is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, din kienet qiegħda tħassarha biss sa fejn it-talbiet attriċi ġew miċħuda fid-dawl tar-raba'

eċċezzjoni għaliex fis-sentenza attakkata din il-Qorti sabet li r-raba' eċċezzjoni kienet waħda ħażina.

56. Ma twettqet l-ebda kontradizzjoni meta din il-Qorti bagħtet l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati sabiex din tqis it-talbiet attriċi fid-dawl tat-tielet u l-ħames eċċezzjoni. Din anzi kienet il-konsegwenza loġika li toħroġ mis-sentenza attakkata, ladarba: (i) iċ-ċaħda tal-ewwel żewġ eċċezzjonijiet baqgħet hemmhekk; (ii) ma sarx appell mill-partijiet dwarhom; u (iii) ir-raba' eċċezzjoni ġiet miċħuda bis-sentenza attakkata. Tassew, billi kien fadal biss li jiġu mistħarrġa t-tielet u l-ħames eċċezzjoni, din il-Qorti mxiet kif kellu jkun meta bagħtet l-atti lura lill-Ewwel Qorti biex tqis it-talbiet attriċi fid-dawl ta' dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet li kien baqa' x'jiġu deċiżi.

57. Din it-tieni kawżali ta' ritrattazzjoni qiegħda għalhekk tiġi miċħuda wkoll u ladarba l-ebda waħda miż-żewġ kawżali mqanqla mis-Soċjetà Filarmonika Leone ma nstabu li kienu tajbin, il-Qorti qiegħda tiċħad it-talba tagħha sabiex tiġi mħassra s-sentenza tad-29 ta' Mejju, 2015.

58. Din il-Qorti sejra tgħaddi issa biex tqis jekk is-Soċjetà Filarmonika Leone għandhiex bażi tajba ta' ritrattazzjoni biex titlob it-tħassir tat-**<u>tieni sentenza tal-1 ta' Diċembru, 2021</u>**.

59. L-ewwel kawżali li ġiet imressqa tinsab mibnija fuq l-**Artikolu 811(l)**

**tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.** Dan l-artikolu jipprovdi li hemm lok għar-ritrattazzjoni meta s-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.

60. L-iżball ta' fatt li skont is-Soċjetà Filarmonika Leone sar minn din il-Qorti fis-sentenza attakkata huwa li mill-ġbir tal-provi din il-Qorti kellha tasal għall-fehma li l-marċ inkwistjoni kien ilu jindaqq minnha għal aktar minn tletin sena u dan mingħajr ma qatt intalab il-kunsens jew l-approvazzjoni tas-Surmast Joseph Sammut.

61. Fil-fehma ta' din il-Qorti din ir-raġuni mhijiex waħda fejjieda sabiex tista' tissokta r-ritrattazzjoni.

62. Dak li jidher li qed jaħrab lis-Soċjetà Filarmonika Leone huwa li skont l-**Artikolu 811(l) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** mqanqal minnha, hemm lok ta' ritrattazzjoni fuq żball ta' fatt, «*basta li, ...., il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza».*

63. Dwar dan il-punt ġie mtenni mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Isidoro Agius v. Giuseppe Bugeja*** deċiża fit-13 ta' Ġunju, 1995 (**Kollez. Vol: LXXIX.ii.537**) li:

> *«jekk l-iżball akkampat bħala motiv għar-ritrattazzjoni kien punt ta' kontestazzjoni li ġie maqtugħ bid-deċiżjoni impunjata, mhix ammessa ritrattazzjoni fuq il-motiv ta' dak l-iżball, u l-apprezzament u l-interpretazzjoni tal-fatti ma humiex sindakabbli, u ma jagħtux lok għar-*

*rimedju legali tar-ritrattazzjoni,»*

64. Sewwasew f'dan il-każ, wieħed mill-aggravji li ġie deċiż minn din il-Qorti fis-sentenza attakkata kien tabilħaqq fuq jekk is-Soċjetà Filarmonika Leone kisbitx il-jedd li ddoqq dan il-marċ bis-saħħa tal-preskrizzjoni akkwiżittiva. F'paragrafi 22 sa 32 tas-sentenza attakkata, din il-Qorti kkonkludiet, fuq il-provi miġjuba, li dawn it-tletin sena ma kinux għaddew. Ifisser allura li ġaladarba l-«*iżball*» li s-Soċjetà Filarmonika Leone qiegħda tgħid li hemm fis-sentenza attakata kien dwar punt ikkontestat li ġie deċiż minn din il-Qorti, allura dan l-iżball ma jistax jagħti lok għar-ritrattazzjoni taħt l-**Artikolu 811(l) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** (ara ***Christopher Gauci v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Lulju, 2020).

65. Joqgħod hawnhekk, dak li ngħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Saviour Ellis pro et noe v. Rita Ellis et*** deċiża fis-16 ta' Novembru, 2010, li:

> *«Dak li għamlet din il-Qorti kien biss li ddeċidiet "punt ikkontestat", u dan l-istess artikolu jeskludih bħala bażi ta' ritrattazzjoni. Il-kwistjoni issa mqanqla mir-ritrattandi kienet appuntu dibattuta u deċiża fis-sentenza, u kwindi dik iċ-ċirkostanza ma tistax tagħti lok għar-ritrattazzjoni tal-kawza»;*

66. Kawża ta' ritrattazzjoni m'għandhiex isservi sabiex issir interpretazzjoni differenti minn dik tal-Qorti li tkun iddeċidiet il-kawża, għaliex inkella l-Qorti tkun qiegħda tikkonsidra appell minn deċiżjoni li ma

tistax tiġi appellata (ara ***Joseph Vella v. Juda Thaddeo sive Teddy Borg et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Diċembru, 2022).

67. Għalhekk din il-kawżali mqanqla mis-Soċjetà Filarmonika Leone ma tistax twassal għax-xewqa tagħha li jkun hemm ritrattazzjoni tas-sentenza, ladarba l-kwistjoni tal-preskrizzjoni tat-tletin sena kienet waħda mill-punti kkontestati li ġew deċiżi fis-sentenza attakkata.

68. L-aħħar raġuni ta' ritrattazzjoni mressqa mis-Soċjetà Filarmonika Leone hija dik ta' applikazzjoni ħażina tal-liġi skont l-**Artikolu 811(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.

69. Is-Soċjetà Filarmonika Leone tgħid li ladarba din il-Qorti żbaljat il-fatti dwar in-natura tal-pussess li l-għaqda kellha fuq il-marċ, allura din il-Qorti żbaljat ukoll il-liġi meta qalet li s-Soċjetà Filarmonika Leone ma setgħetx tippreskrivi favur tagħha skont l-**Artikolu 2121 tal-Kodiċi Ċivili**.

70. Jidher li din il-kawżali tas-Soċjetà Filarmonika Leone fuq l-applikazzjoni ħażina tal-liġi tiddependi u tistrieħ fuq is-suċċess tal-kawżali dwar l-iżball ta' fatt. Billi kif rajna l-kawżali tal-iżball ta' fatt ġiet miċħuda allura bħala riżultat din il-kawżali għandha tfalli wkoll.

71. F'kull każ, il-kritika tas-Soċjetà Filarmonika Leone m'għandha

x'taqsam xejn mat-tħaddim ħażin tal-liġi iżda għandha x'taqsam biss mal-għarbiel tal-provi li sar minn din il-Qorti. Kif tajjeb imtenni fis-sentenza ***Emanuel Falzon et v. Alfred Fenech et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-21 ta' Mejju, 2019, is-smigħ mill-ġdid ta' kawża ma jingħatax fejn l-ilment tal-parti li titlob ir-ritrattazzjoni jkun dwar l-interpretazzjoni li l-Qorti fis-sentenza attakkata tkun tat lill-fatti li jirriżultawlha.

72. Għalhekk anke din l-aħħar raġuni ta' ritrattazzjoni qiegħda tiġi miċħuda, b'dana għalhekk li anke t-tieni talba tas-Soċjetà Filarmonika Leone sabiex tiġi mħassra s-sentenza tal-1 ta' Diċembru, 2021 qiegħda tiġi miċħuda.

73. Fl-aħħar nett, ladarba m'hemmx raġunijiet tajbin li għalihom is-sentenzi tad-29 ta' Mejju, 2015 u tal-1 ta' Diċembru, 2021 għandhom jitħassru, din il-Qorti ma tistax tgħaddi biex tqis it-tielet talba tas-Soċjetà Filarmonika Leone biex il-kawża tinstema' mill-ġdid;

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **<u>tiċħad</u>** it-talbiet kollha tas-Soċjetà Filarmonika Leone għat-tħassir tas-sentenzi

mogħtija minn din il-Qorti fid-29 ta' Mejju, 2015 u fl-1 ta' Diċembru, 2021,

bl-ispejjeż kollha kontra tagħha.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph R. Micallef<br>Aġent President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm